Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 94/2016

Il-Pulizija

Vs

Mahdi Ouerfelli

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mahdi Ouerfelli detentur tan-numru tal-Pulizija 13MH-024, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-29 ta' Gunju, 2014 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta filghodu (3.30am)

gewwa San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkometta serq ta' handbag li kien fih mobile phone tal-ghamla IPhone 5S, li jiswa Euro 750, Euro 70 fi flus kontanti, u oggetti personali ohra, liema serq hu kwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta' Karen Azzopardi u/jew persuni ohra.

2. Talli fl-istess data kkometta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta'persuni nkarigati mill-kustodja tieghu.

3. Talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi akkwista jew kellu fil-pussess tieghu, zamm jew b'xi mod li kien, kellu arma jew munizzjon ipprojbit skond kif hemm imsemmi fi Skeda I.9 tal-Kap.480.

4. Talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi rrifjuta jew ta falz lill-ufficjal tal-Pulizija jew lil wiehed iehor inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra;

5. Talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fi stat ta' sakra.

6. Talli fl-istess data ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

7. Talli naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, li bih inghata l-helsien mill-arrest nhar it-13 ta' Gunju, 2014.

8. Talli f'dawn il-Gzejjer kkometta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

9. Talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Frar, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 23, 31, 49, 50, 110(2), 289(1), 151, 261(c)(f), 267, 269(g), 270, 279(a), 338(g) u 579 tal-Kap. 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 3(a) moqri flimkien ma' l-Iskeda I u l-artikolu 51(1), tal-Kap. 480 ta' l-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tad-9 akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tlett (3) snin prigunerija.

Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 28B u 28A tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta ordnat illi s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2013 ta' sentejn (2) prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tigi fis-sehh stante illi r-reati li dwarhom jinsab akkuzat l-imputat gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza, b'hekk b'kollox l-imputat irid jiskonta l-perjodu ta'hames (5) snin prigunerija.

Peress li fiz-zmien meta sehh ir-reat u konsegwenetemnt il-ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mil-arrest l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali ma kienx jipprovdi ghal konfiska tassativa tal-garanzija personali u/jew depozitu, din il-Qorti mhux ser tordna tali konfiska.

Finalment il-Qorti qed tordna il-konfiska tat-*taser gun* esebit in atti bhala dok. SM1 minn PS1540.

Billi ma tqabbdu ebda esperti f'din il-kawża m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mahdi Ouerfelli pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 2016 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tas-26 ta' Frar, 2016 moghtija mill-Qorti tal-magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah mill-akkuzi u fin-nuqqas taghti piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Mahdi Ouerfelli huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Jidher car li l-appellant kien xorob sew u ma kiens jaf x' kien qed jaghmel. Mill-provi prodotti ma kienx hemm resistenza meta u ha lura l-handbag b' mod volontarju. Wiehed jistaqsi jekk l-elementi kollha ta' serq gewx

ipprovati ghaliex il-handbag baqa' fl-isfera ta' kontroll tal-allegat derubat. Fl-ahjar ipotezi tal-prosekuzzjoni kien hemm tentattiv ta' serq.

Illi ghar-rigward it-tielet akkuza rigward il-pussess ta' arma tan-nar, il-prosekuzzjoni ma irnexxietx tipprova l-intenzjoni ta' l-appellant li jzomm tali arma. Meta kien gie arrestat it-tieni darba stqarr li kien sar mobile phone, li imbaghad irrizulta li kien tazer gun. Dan it-tazer gun kien f' forma ta' mobile phone u b' hekk il-prosekuzzjonijiet kellha tipprova li l-appellant kien jaf ben tajjeb li dan l-oggett ma kienx mobile phone, izda tazer gun. Meta kien arrestat l-ewwel darba kien dan l-oggett ma kienx fil-pussess tieghu. Kien biss meta harab u kien arrestat mill-gdid jidher li kellu fil-pussess dan it-taser gun. B' hekk huwa probabbli li l-verzjoni tal-appellant huwa verosimili.

Illi ghar-rigward is-sitt imputazzjoni, il-Qorti qalet li mhix se ssib htija, izda fid-decide tas-sentenza tghid li huwa hati ta' l-akkuzi kollha u b' hekk hemm zball fis-sentenza, fejn kellu jigi liberat.

Illi s-sentenza ta' tlett snin prigunerija fuq snatch and grab, li wara kollox inghata kollox lura immedjatament, mhix ekwa u gusta.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellanti, iressaq diversi aggravji marbuta kemm mal-akkuza dwar is-serq li giet imputata lilu kif ukoll jattakka is-sejbien ta' htija ghal-akkuza dwar il-pusess tat-taser gun u dik ghas-sitt imputazzjoni dwar is-sokor. Illi jilmenta b'mod ewlieni li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija ghar-reat ikkunsmat tas-serq billi l-provi li kien hemm fl-atti kollha jindikaw illi mhux biss l-appellanti kien fis-sakra u ma kienx jaf x'qed jaghmel, izda semmai u fl-aghar ipotezi kien hemm reita' biss ghat-tentattiv tas-serq billi l-*handbag* li instab fil-pussess tieghu proprjeta tal-parti leza gie mghoddi lura lil certu Marcio Vella u allura il-konsumazzjoni tar-reat gie sfrattat.

Issa l-Ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni ta' dritt siewja fuq il-mument li is-serq jigi ikkunmsat bil-*contrecatio* tal-oggett mis-sid u cioe' mill-mument illi tali *res furtiva* johrog mill-isfera tal-kontroll tas-sid/possessur. Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv

ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: "*Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi.*"

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Ighallimna hekk il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

"*To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation.*"

Issa din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti sabiex tara jekk l-atti maghmula mill-appellanti setghux jigu ikklassifikati biss bhala atti preparatorji, jew jekk dawn tawx bidu ghal l-esekuzzjoni tad-delitt qabel ma'l-istess gie sfrattat, jew inkella jekk l-agir ta'l-appellanti kienx tali illi s-serqa kenit fil-fatt sehhet, bit-terz jinserta jaqbad lill-appellanti wara li kien ha dan l-oggett barra l-isfera tal-pussess u kontroll ta' sidu. Issa mill-ezami ta'l-atti jirrizultaw is-segwenti fatti inkontestati. Illi l-*handbag* ta' Karen Azzopardi, il-parti leza, kien impoggi fuq xkaffa biswit taghha. Illi hekk kif hi daret biex tfittex dan il-basket ma sabitux ghaliex xi hadd kien hadu. Meta osservat x'kien qed jigri madwarha rat lil habib taghha certu Marcio Vella ikellem lil persuna ta' sess maskil u osservat lil dan Vella jigbed il-*handbag* taghha minn idejn din il-persuna. Hija tidentifika din il-persuna bhala l-appellanti. Vella minn naha tieghu jirrakonta kif huwa ra lill-appellanti bil-*handbag* ta' Azzopardi f'idejh u jipprova

ighaddieh lil siehbu. Huwa ghalhekk telaq minn postu u mar jigri warajh u hadulu minn idejh. Dan ifisser illi l-appellanti bl-att kommess minnu u cioe' it-tehid tal-*handbag,* gie li spostja l-oggett misruq mill-isfera tal-pussess u kontroll tas-sid tant illi huwa gie intercettat bl-oggett f'idejh lest biex johrog mill-istabbiliment fejn kien jinstab flimkien ma' siehbu. Illi kif tajjeb tosserva l-Ewwel Qorti li irreferiet ghal dak li ighid il-gurista Mamo, il-*contrecatio* jew it-tehid tal-oggett mill-isfera tal-pussess tas-sid jikkostitwixxi l-att li bih ir-reat tas-serq jigi ikkompletat, bl-atti li jipprecedew tali azzjoni jikkostitwixxu it-tentattiv. Gjaldarba, f'dan il-kaz l-appellanti beda jallonta ruhu mill-isfera tal-kontroll tal-parti leza bl-oggett misruq f'idejh, r-reat tas-serq gie ikkompletat. Huwa ma iddesistiex milli jiehu l-oggett ghaliex inqabad minn Vella fl-att tat-tehid ghax dan l-att kien diga sehh bil-handbag issa jinstab f'idejh u allura interament fil-pussess tieghu. Kwindi kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti ir-reat gie ikkunsmat u allura dan l-ewwel aggravvju qed jigi michud.

Illi l-appellanti imbaghad jilmenta illi ma setatx tinstab htija ghall-akkuza dwar il-pussess ta'l-arma tan-nar minghajr licenzja tal-pulizija kif mahsub fil-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta billi huwa lanqas biss kien jaf li kellu arma tan-nar konsistenti f'*taser gun*, ghaliex dan kellu il-forma ta' telefon cellulari, li jallega li huwa kien sab accidentalment u kwindi l-intenzjoni kriminuza hija nieqsa. Illi minn ezami ta'l-atti huwa indubitat illi instab *taser gun* fil-pussess ta'l-appellanti, liema arma giet esebieta in atti. L-appellanti fir-rikors ta'l-appell tieghu jallega illi huwa sab dan l-oggett barra u billi kellu forma ta' telefon cellulari haseb li hekk kien. Issa l-appellanti ma jixhidx fil-kawza, kif *del resto*, kien id-dritt tieghu li jaghmel. Allura l-unika prova li ghandha il-Qorti dwar dak allegat minnu hija l-affermazzjoni li hemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija meta fuq mistqosija tal-ufficjal investigattiv dwar dan it-*taser gun*, huwa iwiegeb li sabu u zammu ghandu u fl-ebda hin ma ighid lill-ispettur li huwa ma kienx jaf li dan kien *taser gun*. Illi dan ifisser illi l-appellanti ma irnexxielux lanqas fuq bazi ta' probabbilita' jipprova dak li isostni billi ghalkemm fl-istqarrija huwa ighid li sab dan it-taser gun, madanakollu imbaghad jonqos milli iressaq il-provi sabiex jissostanzja dak li ighid billi lanqas biss jindika il-post fejn allegatament sabu u kif sabu, izda ukoll lanqas jipprova illi huwa ma kienx

konxju tal-fatt illi din kienet arma tan-nar u mhux *mobile phone*. Kwindi billi hemm karenza fil-provi in atti dan l-aggravvju ukoll qed jigi rigettat.

L-appellanti imbaghad ghandu r-ragun fl-aggravju li isegwi marbut mas-sejbien ta' htija ghal-hames imputazzjon fejn giet lilu imputata l-kontravenzjoni mahsuba fl-artikolu 338(f) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex ghalkemm minn qari tal-motivazzjonijiet imfassla fid-decizjoni impunjata jidher illi l-appellanti kien ser jigi illiberat minn din l-imputazzjoni fuq nuqqas ta' provi, (liema imputazzjoni l-Ewwel Qorti ukoll erronjament tindikaha bhala is-sitt imputazzjoni u mhux il-hames) fid-*decide* imbaghad instabet htija ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-istess appellanti. Illi x'aktarx li dan kien *lapsus calami* da parti ta' l-Ewwel Qorti billi minn qari tad-disposizzjonijiet tal-ligi indikati fid-decizjoni impunjata u li tahthom kienet qed tinsab htija l-artikolu 338(f) tal-Kodici Kriminali ma huwiex indikat. Madankollu sabiex jigi sanat dan id-difett, din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' dan l-aggravvju u kwindi tiddikjara il-liberatorja ta'l-appellanti minn dina l-imputazzjoni

Finalment l-appellanti jilmenta dwar l-kalibrazzjoni tal-piena maghmula mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin prigunerija li huwa iqies bhala wahda eccessiva u harxa ghal reat li huwa jiddefinieh bhala 'snatch and grab' fejn l-oggett misruq gie ritornat lil sidu. Illi l-appellanti madanakollu ma jehux kont tal-fatt illi l-Ewwel Qorti sabet htija mhux biss ghall-akkuza ta' serq billi huwa gie misjub hati ta' diversi reati u cioe' tal-harba mill-kustodja tal-pulizija, il-pussess tal-arma tan-nar minghajr licenzja tal-pulizija, id-denunzja falza ta' reat, ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu ghal helsien mill-arrest f'kaz iehor li kellu pendenti fil-qorti u finalment ir-recidivita'. Dan ifisser allura illi l-piena li giet imposta fuqu mill-Ewwel Qorti kienet taqaw sewwa fil-parametri tal-ligi u ma jidhirx ghalhekk illi hemm xi raguni valida li iressaq 'il quddiem l-appellanti li jista' iwassal lil din il-Qorti titbieghed mill-komputazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti. Illi ukoll ghalkemm din il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara il-liberatorja mill-hames imputazzjoni, madanakollu ma hemm l-ebda mottiv 'il ghala l-piena ghandha tigi varjata biex tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt billi kif inghad ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni din id-

disposizzjoni tal-ligi meta sabet il-htija fl-appellanti u fi kwalunkwe kaz kien hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' biss t-tielet aggravvju imressaq mill-appellanti u ghalhekk tghaddi biex tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni impunjata fejn instabet htija ghal hames imputazzjoni u tghaddi biex tillibera lill-appellanti mill-istess, izda tikkonferma id-decizjoni impunjata fil-bqija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur